MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 433/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**

**VS**

**MARC SANT**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Marc Sant ta' 21 sena, imwieled tal-Pieta' nhar it-28 ta' Gunju, 1983, bin Michael u Rose nee' Zammit, residenti tal-Kmand, Triq Andrea Zammit, Lija, detentur tal-karta tal-identita' numru 363683 (M) ;

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Jannar, 2005, ghall-habta ta' 8.15am, waqt li kien ghaddej bil-vettura tal-ghamla *Peugeot 205* bin-numru tar-registrazzjoni JAV 316, fi Triq Dun Karm gewwa Birkirkara, b'nuqqas ta' hsieb, bi

traskurgani, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Florinda k/a Flora Theuma, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 401736 (M), hekk kif iccertifika Dr Jonathan Joslin MD tal-Isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregu gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 226(1) tal-Kapitolu 9 u 15(1) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta, u ma ssibux hati tat-tieni akkuza, u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------